## STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD, IKEL U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – SKEMA TA' KUMPENS GĦAL-WAQFIEN TEMPORANJU TAS-SAJD.

Permezz tal-Fond Ewropew Għall-Affarijiet Marittimi u S-Sajd 2014-2020, id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd, L-ikel u Drittijiet tal-Annimali qed iħabbar li se jniedi skema ta' kumpens għas-sajjieda li jistadu attivament għall-pixxispad u qed jiddikjaraw li ser jieqfu temporanjament mill-attivitajiet tas-sajd għax-xahar ta' Diċembru 2021. Dan għaliex il-Gvern ħass li għandu jestendi il-perjodu tas-sajd magħluq b'xahar, matul ix-xahar ta' Diċembru 2021 bil-għan li nieħdu ħsieb l-*istocks* ta' ħut, b'mod speċjali, il-pixxispad li jikber/jimraħ fl-ibħra tagħna.

Din l-iskema tipprovdi kumpens lil dawk is-sajjieda li huma rreġistrati mad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura bħala MFA u MFB. Barra minn hekk, l-iskema ta' kumpens hija applikabbli biss għal-dawk is-sajjieda li ġabru l-awtorizzazzjoni valida biex jistadu għall-pixxispad fl-2021, għandhom il-valur minimu ta' qbid ta' ħut matul l-2019 u l-2020 skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.07 skeda III, għandhom il-valur minimu ta'qbid ta' pixxispad matul 2019 u l-2020 kif stipulat fl-applikazzjoni u rreġistraw 120 jum fuq il-baħar mit-**30 ta' Settembru 2019 sa 1 t'Ottubru 2021.**

Fil-ġranet li ġejjin ħa jibdew jitqassmu l-applikazzjonijiet lis-sajjieda konċernati. Dawk interessati għandhom jibgħatu bil-posta l-applikazzjoni tagħhom flimkien ma dokumentazzjoni oħra mitluba lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura ġewwa l-Għammieri sa mhux aktar tard mill-31 t'Ottubru 2021.

Din l-iskema ta' kumpens qed tiġi amministrata mid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura. F' każ ta' xi diffikultajiet wieħed għandu jċempel lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura għal aktar informazzjoni fuq 22926839/22926859.

Programm Operattiv għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020
Parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)
Rata ta' Ko-finanzjament: 50% Fondi mill-UE; 50% Fondi Nazzjonali

***Investiment f'Sajd Sostenibbli u Akkwakultura***

# PRESS RELEASE FROM THE MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, FOOD AND ANIMAL RIGHTS- TEMPORARY CESSATION OF FISHING ACTIVITIES SCHEME

Through the European Maritime and Fisheries Fund 2014-2020, the Department of Fisheries and Aquaculture within the Ministry of Agriculture, Fisheries, Food and Animal Rights is announcing that it will launch a compensation scheme for those fishermen who actively fish for swordfish and declare that they will temporarily cease fishing activities for the month of December 2021. This is because the Government felt that it should extend the closed fishing period by one month, during the month of December 2021 with the aim of taking care of fish stocks, especially swordfish that nest in our local waters.

This scheme provides compensation to those fishermen who are registered with the Department of Fisheries and Aquaculture as MFA and MFB. In addition, the compensation scheme is only applicable to those fishermen who have obtained a valid authorization to fish for swordfish in 2021, have the minimum catch value during 2019 and 2020 in accordance with Subsidiary Legislation 425.07 schedule III, have the minimum value of swordfish catches during 2019 and 2020 as set out in the application and registered 120 days at sea from **30th September 2019 until 1st October 2021**

Applications will be sent to eligible fishermen in the coming days. Those interested should send by mail their application together with other requested documentation to the Department of Fisheries and Aquaculture in Għammieri by the 31st of October 2021.

This compensation scheme is being administered by the Department of Fisheries and Aquaculture. In case of any difficulties one should call the Department of Fisheries and Aquaculture for more information on 22926839/22926859.


Maritime and Fisheries Operational Programme 2014-2020
Part-financed by the European Union
European Maritime and Fisheries Fund (EMFF)
Co-financing rate: 50% EU Funds; 50% National funds

***Investing in Sustainable Fisheries and Aquaculture***